**248. Il-Ministru ta' l-Intern, l-Onor. Tonio Borg ippropona din il-Mozzjoni:-**

Billi hu maħsub fl-artikolu 3 ta' Kap 268 tal-Liġijiet ta' Malta, Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, illi art (kif imsejjaħ f'dak l-Att) li tkun proprjeta' tal-Gvern jew li hi amministrata minnu ma tistax tiġi trasferita (ukoll kif imfisser f'dak l-Att) ħlief skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) jew (e) tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (b) ta' l-imsemmi subartikolu li trasferiment, kif imsemmi qabel, jista' jsir skond *policy* applikabbli għall-art li jkun hemm il-ħsieb li tiġi trasferita u approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment;

U billi l-*policy* li qed tiġi proposta għall-approvazzjoni tal-Kamra hija dik miġbura fid-dokument mehmuż ma' din ir-riżoluzzjoni (Annex A);

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Kamra tad-Deputati tapprova l-*policy* miġbura fid-dokument hawn anness għall-għanijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 268 tal-Liġijiet ta' Malta, Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, u għall-għanijiet l-oħra kollha ta' l-istess Att.

09.10.2001